**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar it-13 ta' Jannar 2025

Avviż Numru: 94/2024NHV

**Hayley Sammut**
K.I.552094M

**vs.**

**Luca di Modugno**
K.I.197319A

u

**A+ Turnkey Services Limited**
C-90674

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2024, li permezz tiegħu l-attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuti tas-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000.00), bilanċ minn somma akbar dovuti fuq Att ta' Kostituzzjoni ta' Debitu datata 23 ta' Jannar 2024 in atti tan-Nutar Dottor Michael Laferla, liema att ġie anness u mmarkat bħala Dokument X;

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta innumerata 761/2024, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju innumerat 675/2024, bl-ogħla interessi mit-23 ta' Jannar 2024 sad-data tal-ħlas effettiv u kontra l-konvenuti, inġunti għas subizzjoni.

Rat li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti ġew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawża u lanqas ma dehru għas-seduti li nżammu quddiem il-Qorti.

Rat il-**Kapitolu** li ġie ppreżentat mill-attriċi fil-konfront taż-żewġ konvenuti u l-fatt li kemm is-soċjetà konvenuta A+ Turnkey Services Limited u wkoll il-konvenut Luca di Modugno naqsu milli jidhru sabiex jirrisponduh, u għalhekk ai termini tal-Artikolu 702 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess kapitolu għandu jittieħed bħala mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, il-Qorti tilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta A+ Turnkey Services Limited *in solidum* mal-konvenut Luca di Modugno jħallsu lill-attriċi s-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000.00) bl-imgħax legali dekorribbli mit-23 ta' Jannar 2024, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, kif mitluba, huma a kariku tal-konvenuti *in solidum*.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur